**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar il-Hamis 20 ta' April 2023**

**Rikors numru: 158/2023 AGV**

**RC**
**U**
**Avukat Dr CCG**

Il-Qorti ;

**Rat ir-Rikors konġuntiv ta' RC u l-Avukat Dottor CCG datat 22 ta' Marzu 2023;**

**Jesponu bir-rispett u bil-ġurament jikkonfermaw:**

Illi l-kontendenti żżewġu nhar l-erbgħa (4) ta' Lulju tas-sena elfejn u disgħa (2009) – ċertifikat taż-żwieġ anness u markat **Dok 'A'**.

Illi minn dan iż-żwieġ twieldu żewġt ulied, B  u N  aħwa C, li huma lkoll minorenni.

Illi l-partijiet isseparaw legalment minn xulxin in forza ta' kuntratt datat sebgħa (7) ta' Diċembru tas-sena elfejn u sbatax (2017) in atti tan-Nutar Dottor Naomi Mugliette – kopja annessa u markata **Dok 'B'**.

Illi ma hemm ebda prospett raġjonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet.

*Inoltre*, qed jiġi konfermat li ma hemm ebda arretrati ta' manteniment dovuti.

Illi għalhekk jikkonkorru l-elementi kollha rikjesti mil-liġi għall-ħall taż-żwieġ u għad-divorzju tal-partijiet.

Għaldaqstant, ir-rikorrenti  RC u l-Avukat Dottor  CCG  jitolbu bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti jogħġobha:

1. Tiddikjara ż-żwieġ tagħhom bħala maħlul u li l-partijiet huma divorzjati għall-finijiet u l-effetti kollha tal-liġi;

2. Tordna lir-Reġistratur tal-Qorti javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet fi żmien hekk akkordat minnha biex dan ikun reġistrat fir-Reġistru Pubbliku skont il-liġi;

u dan taħt kull provvediment xieraq u opportun li jogħġobha tagħti din l-Onorabbli Qorti.

**DECIDE;**

Il-Qorti, tilqa' t-talbiet u tippronunzja l-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet **iccelebrat nhar l- 4 ta' Lulju 2009.**

Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien ghaxart ijiem javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet, biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Spejjez jibqghu bla taxxa.

Terminu tal-appell abbrevjat ghal gurnata.

**Onor. Anthony G. Vella**
**Imhallef**

**Cettina Gauci**
**Dep Reg**